# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2002 .

### Citazzjoni numru : 113/1998G1(PC)

Ganpet Limited .

VS

Direttur ghall-Progetti
Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex,

U
Direttur inkarigat mid-Dipartiment tad-Drenagg, Dipartiment tad-Drenagg .

Il-Qorti ;
Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi hija giet inkarigat mid-Direttur tad-Dipartiment tad-Drenagg jew rapprezentant tieghu f'Ghawdex u mid-Direttur ghall-Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex sabiex taghmel xoghlijiet ta' trinek f'diversi postijiet f'Ghawdex ;

Illi hija effettivament wettqet ix-xoghol kollu li kienet inkarigata mill-konvenuti sabiex taghmel, liema xoghol kien jikkonsisti f' (i) xoghol ta' thaffir tat-trinek tad-drenagg, mili ta' l-istess u kisi bl-asfalt tal-istess fi Triq Nicholas Monserrat f'San Lawrenz, Ghawdex liema xoghol jammonta ta' elf mitejn u tmien liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1208.20c); (ii) xoghol ta' thaffir tat-trinek tad-drenagg, mili tal-istess u kisi bl-asfalt tal-istess triq Dun Salv Portelli f'San Lawrenz, Ghawdex liema xoghol jammonta ghal mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm124; (iii) xoghol ta' thaffir tar-trinek tad-drenagg, mili tal-istess u kisi bl-asfalt tal-istess fi Triq Dun Luqa f'Sannat, Ghawdex liema xoghol jammonta ghal mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm262.20c); u (iv) xoghol bil-kumpressur, J.C.B. u makkinarju iehor li sar fuq struzzjonijiet tal-konvenuti f'diversi postijiet liema xoghol jammonta ghal tlett elef, disa' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm3,951.40c) u dan kif jirrizulta mill-invoices rilaxxati mis-socjeta' attrici u liema invoices huma numerati 377, 462, 463, 464, 465, 466, 467, 482, 512, 537, 538, 565, 566, 567, 589, u 580 ;

Illi l-ammont totali dovut mid-Direttur inkarigat mid-Dipartiment tad-Drenagg Sezzjoni f'Ghawdex u mid-Direttur tal-Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex ghax-xoghol hawn fuq elenkat u mwettaq mis-socjeta' attrici huwa ta' hamest elef, hames mija u hamsa u erbghin lira maltin u tmenin centezmu (Lm5545.80c) ;

Illi minkejjali l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont bi tlett ittri interpellatorji kollha mibghuta fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), u b'ittri ufficjali tal-ghaxra (10) ta' marzu tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), il-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammont dovut minnhom .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minn ghand id-Direttur tal-Progetti fis-Segretarjat Parlamentari ghal Ghawdex u/jew minn ghand id-Direttur inkarigat mid-Dipartiment tad-Drenagg f'Ghawdex is-somma ta' hamest elef, hames mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5545.80c) rapprezentanti xoghol imwettaq mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghkom konvenuti ;
2. Tikkundannakom jew min minnkom sabiex thallsu din l-istess somma lill-kumpanija attrici, bl-interessi legali fuq din is-somma mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' tlett ittri interpellatorji tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u tal-ittri ufficjali tal-ghaxra (10) ta' Marzu tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) kontra taghkom .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi intom debitament ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Peter Sciberras .

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew ;

Illi huma ma humiex jichdu li s-socjeta' attrici wettqet ammont ta' xoghlijiet ghall-istess esponenti, izda semplicement jinhtiegu ftit aktar zmien sabiex jivverifikaw il-hlasijiet li jridu jsiru lis-socjeta' attrici .
Illi ghaldaqstant ma jezisti ebda litigju bejn il-partijiet f'din il-kawza li ghalhekk infethet inutilment .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Portelli, Direttur tal-Progetti .

Rat il-verbal ta’ l-avukat Dottor Chris Said ghan-nom tas-socjeta’ attrici tas-26 ta’ April tas-sena elfejn u wiehed, fejn iddikjara illi s-socjeta’ attrici fil-mori tal-kawza kienet thallset il-mertu minghand il-konvenuti . Ghal hekk kien baqa’ biss il-kustjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez .

Rat il-verbal taghha tas-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2001, fejn halliet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez .

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici fittxet il-pagament minghand il-gvern ta’ hlas ghal diversi kuntratti ta’ appalt illi kienet wettqet fuq inkarigu tal-konvenuti, kif deskritt fl-istess citazzjoni . Illi minkejja illi l-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu l-pagamenti dovuti, l-istess konvenuti naqsu illi jaghmlu dawn il-pagamenti . U infatti kien biss fil-mori ta’ din il-kawza, u kwazi tlett snin wara illi rrizulta illi l-pagamenti dovuti infatti saru .

Il-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom jghidu illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dawn il-pagamenti, pero’ kien jonqos biss illi l-gvern jaghmel il-verifiki mehtiega tieghu .

Sadanittant pero’, il-konvenuti ma taw ebda spjegazzjoni ghaliex kienu jehtiegu daqs hekk zmien sabiex jaghmlu l-istess verifiki . Jidher ghal hekk illi kien ghal din ir-raguni ta’ dewmien illi s-socjeta’ attrici giet imgeghla illi tharrek lill-gvern sabiex tigbor il-pagamenti dovuti, u l-htija ghal dan id-dewmien biex sar il-hlas, ma tista’ tigi imputata lil hadd hlief ghal burokrazija tal-gvern .

Il-Qorti ghal hekk, hija tal-fehma, illi din il-kawza giet ikkagunata appuntu minhabba dan id-dewmien u l-htija ghaliha ghandu jigi ssopportat lill-istess konvenuti .

Ghal hekk tiddecidi din il-kawza dwar il-kap ta’ l-ispejjez billi tiddikjara li dawn ghandhom jigu ssopportati unikament lill-istess konvenuti, inkluzi l-ispejjez tat-tlett ittri interpellatorji indikati fic-citazzjoni, u ittra ufficjali indikata wkoll fl-istess citazzjoni, kollox kontra l-konvenuti .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S11398G1(Pc)
864